**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Alfred Schembri

*versus*

Dr. Louis Buhagiar M.D.

## Kreditu - Imgħax - *In Liquidandis Non Fit Mora*

*Meta kreditu ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. F'każijiet bħal dawn tapplika l-massima* in liquidandis non fit mora.

Il-Qorti:-

Fid-9 ta' Lulju, 1993 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni li testwalment tgħid hekk:

"Premess illi l-attur bħala kuntrattur tal-bini ġie nkarigat mill-konvenut biex jibnilu dar fi Triq it-Tunnara, kantuniera ma' Sqaq Blue Grotto, iż-Żurrieq b'impjegati, materjal, għodda u trasport li kellhom jitħallsu mill-konvenut;

Premess illi għal dana x-xogħol l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenut skond kif jirriżulta mill-anness dokument "A" is-somma ta' tmien mija u disgħa u tmenin lira Maltija (Lm889);

Premess illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jħallas dana l-ammont;

Jgħid il-konvenut għar-raġunijiet premessi il-għaliex ma għandux minn dina l-Qorti) jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' Lm889 dovuta kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Impediment ta' Safar tal-5 ta' Mejju, 1981 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt minn issa biex jidher għas-subizzjoni";

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

Illi l-ewwel lok id-domanda ta' l-attur hija intempestiva stante li l-attur għadu ma lestiex ix-xogħlijiet li kien inkarigat li jagħmel;

Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-

ammont ta' tmien mija u disa' u tmenin lira (Lm889) kif mitlub mill-attur mhuwiex dovut peress li hija dovuta somma anqas;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut;

*Omissis*;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

*Omissis*;

Għall-*motivi* premessi:

Tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-*somma* arrotondata ta' sitt mija u ħamsa u tmenin lira (Lm685) bl-imgħax legali fuqha mil-lum sal-ħlas effettiv u tiċħad l-istess talba għall-kumplament bl-ispejjeż tal-ġudizzju pagabbli kwint mill-attur u erba' kwinti mill-konvenut;

Tastjeni ruħha mill-kontro-talba bl-ispejjeż relattivi bla taxxa";

Illi l-attur deherlu li kien jistħoqqlu li jiġi akkordat imgħax legali fuq is-sorte mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza, kif kien ġie deċiż. Għalhekk talab li s-sentenza imsemmija tad-9 ta' Lulju, 1993 tiġi *riformata* fis-sens li tiġi revokata dik il-parti tagħha li permezz tagħha l-konvenut appellat ġie kkundannat iħallas l-imgħax legali fuq is-sorte ta' Lm685 mill-ġurnata tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u minflok il-konvenut appellat jiġi kkundannat iħallas l-imgħax legali fuq is-sorte ta' Lm685 mill-11 ta' Mejju, 1981 sad-data tal-ħlas effettiv u tiġi l-istess sentenza kkonfermata fil-kumplament tagħha bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-

konvenut appellat;

Il-konvenut appellat wieġeb li s-sentenza appellata kienet waħda ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata. Huwa talab li l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż u li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Lulju, 1993, b'dan illi l-imgħax legali fuq is-sorte ta' Lm685 jibda jgħaddi mill-ġurnata tas-sentenza ta' din il-Qorti sal-ġurnata tal-ħlas effettiv;

Il-vertenza bejn il-partijiet tikkonċerna il-kweżit dwar id-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet furq is-sorte, likwidat mill-Ewwel Qorti. L-attur appellant oriġinarjament kien talab fiċ-ċitazzjoni lill-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm889, bl-imgħax legali dovuta bħala bilanċ per saldu ta' appalt ta' bini. Il-konvenut kien eċċepixxa l-intempestività ta' l-azzjoni (billi l-attur ma lestiex ix-xogħlijiet kollha li kellu jagħmel) u li għax-xogħol li effettivament kien lest, kienet dovuta somma anqas. Il-konvenut appellat intavola ukoll kontro-talba biex il-Qorti tiffissa żmien qasir u perentorju li fih l-attur kellu jikkontempla x-xogħol kollu li kien inkariga li jagħmel u li fin-nuqqas jirrimedja l-konvenut stess, b'dan illi d-differenza fil-prezz jitħallas mill-attur;

Irriżulta li l-meritu tal-kontro-talba safa' eżawrit fil-mori tal-kawża billi l-konvenut minn jeddu qabbad lil terzi persuni sabiex ikomplu u jlestu x-xogħol kollu li kien baqa' jsir. Il-konvenut ħallas is-somma ta' Lm200 biex isir dan ix-xogħol;

L-Ewwel Qorti adottat ir-relazzjoni tal-Perit nominat minnha u llikwidat il-bilanċ dovut lill-appellat, fis-somma ta' Lm685. Il-qorti *inter alia* ordnat lill-konvenut li jħallas dana l-ammont lill-attur - bl-imgħax legali fuq din is-somma mid-data

tas-sentenza sal-ħlas effettiv;

L-attur, f'dana l-appell, qiegħed jikkontendi li l-Ewwel Qorti kien imissha akkordatlu l-imgħax legali mhux mid-data tas-sentenza, iżda mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. L-appellant jimmotiva l-appell tiegħu hekk:

"Illi skond l-artikolu 1141 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meta l-obbligazzjoni in kwistjoni ma tkunx ta' natura kummerċjali l-imgħax għandu jgħaddi minn dak in-nhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni;

Illi fil-każ odjern is-sejħa għall-ħlas saret bil-preżentata taċ-ċitazzjoni u ċjoè fil-11 ta' Mejju, 1981 u hija minn din id-data illi skond il-liġi l-imgħax għandu jibda jgħaddi u mhux mid-data meta ingħatat is-sentenza, kif ġie deċiż mill-ewwel Onorabbli Qorti";

L-appellat wieġeb li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha billi:

"L-ammont mitlub mill-attur appellat ma kienx wieħed ċert. Fil-fatt il-konvenut appellat kien eċċepixxa illi l-ammont ta' Lm889 mitlub mill-attur appellant ma kienx dovut peress li kien dovut ammont anqas. Effettivament, l-Ewwel Qorti qablet mal-konvenut appellat u tat lill-attur appellant is-somma ta' Lm685 biss;

Illi l-konvenut appellat ma kienx ħallas lill-attur appellant ukoll għax dan ma kienx lesta x-xogħol kollu. Illi fil-fatt, fil-mori tal-kawża, il-konvenut appellat biex ma jkomplix ibati preġudizzju u danni fit-tlestija tad-dar ta' abitazzjoni tiegħu, inkariga lil ħaddieħor biex ilesti x-xogħol li l-attur appellant

suppost li kien ghamel. Dan il-fatt ġie stabbilit fis-sentenza appellata. Kien ghal din ir-raġuni li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut appellat;

Illi ghalhekk il-konvenut appellat ma kienx in mora. Lanqas ma ġie imqieghed in mora bil-preżentata taċ-ċitazzjoni peress illi x-xoghol li kellu jaghmel l-attur appellant baqa' ma ghamlu qatt";

Illi bhala regola, tapplika f'każijiet bhal dawn, il-massima *in liquidandis non fit mora* u ċjoè li meta l-kreditu ma jkunx likwidu, d-debitur ma jkunnx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hekk ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. F'każ bhal dan, ġeneralment, l-interessi ma jistghux jibdew jiddekorru qabel ma l-kreditu jiġi debitament likwidat u d-debitur jitpoġġa *in mora* skond l-artikolu 1141 (2) fuq imsemmi, meta, bhal fil-każ odjern, l-obbligazzjoni ma tkunx wahda ta' natura kummerċjali. Naturalment, din il-massima m'ghandhiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm każi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qieghda taghti vantaġġ indebitu lid-debitur. Każ bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni il-Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol. III, paġna 202) jikkumenta hekk:

"*Se la mancanza di liquidazione non dipene da colpa del debitore, ma da colpa del creditore o da forza maggiore, il debitore non può dirsi moroso, neppure dopo la domanda giudiziale, prima che la liquidazione sia compiuta, giacchè il ritardo a pagare non gli è imputabile. All'incontro, se la mancanza di liquidazione dipende da colpa del debitore, non è giusto che la impossibilità di pagare, dipendente dal fatto imputabile suo, gli serve di scusa. Il-debitore è moroso e subsice le consequenza della mora*";

Issa, fil-każ odjern, il-Qorti *jidhrilha* li d-debitu tal-konvenut la kien jidher ċert u lanqas *kien* verament likwidu fid-data meta ġie ppreżentat l-att taċ-ċitazzjoni. Infatti, jidher assodat li l-attur appellat ma lestiex ix-xogħlijiet kollha li kellu jagħmel u f'dan il-każ, seta' kien hemm lok li l-eċċezzjoni ta' l-intempestività sollevata mill-konvenut intlaqa'. Din l-eċċezzjoni, bħal kontro-talba relattiva tal-konvenut ma ġietx deċiża mill-Ewwel Qorti, billi l-konvenut, b'sens prattiku, minflok ma qagħad jistenna l-eżitu tal-kawża, qabbad lil terzi persuni biex jikkontemplaw ix-xogħlijiet li kien għad baqgħalhom isiru, kien għalhekk li l-Ewwel Qorti ma ddeċiditx din l-eċċezzjoni kif ukoll l-imsemmija kontro-talba billi dawn sfaw eżawriti fil-mori tal-kawża;

Minn dan *li ntqal sa issa jsegwi li*, *meta* l-att taċ-ċitazzjoni ġie ppreżentat, ċertament *kien hemm* dubbju raġonevoli kemm il-kreditu ta' l-attur kien wieħed ċert. Il-kontestazzjoni li ressaq il-konvenut sa mill-bidu nett tal-kawża dwar l-intempetività ta' l-azzjoni ma kinitx fil-fehma ta' din *il-Qorti* xi kontestazzjoni frivola;

Il-provi li ressaq il-konvenut appellat, ikkonvinċew lil Perit Tekniku u eventwalment lill-Ewwel Qorti, dwar il-validità tat-tieni kontestazzjoni tal-konvenut u ċjoè li s-somma pretiża mill-attur ma kinitx dovuta billi kienet dovuta somma anqas. Dana jfisser li, *meta* l-attur illikwida fl-att taċ-ċitazzjoni l-ammont li deherlu dovut, huwa għamel likwidazzjoni skorretta u allura kien il-kompitu *ta'* l-Ewwel Qorti li tillikwida l-ammont verament dovut *lill-konvenut Schembri*;

Fil-petizzjoni ma ġiex allegat li l-appellat kellu xi ħtija għall-fatt li l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lill-appellant damet żmien konsiderevoli biex isehh. Il-kontestazzjoni tal-konvenut li ġiet in parti aċċettata mill-Ewwel Qorti nneċessitat

provi pjuttost voluminużi u massiċċi da parti tal-kontendenti. Dawn il-provi sfortunament inġabru matul firxa wiesgħa ta' żmien kif ta sikwit jiġri u l-kawża mbagħad sfat ukoll arenata minħabba komplikazzjonijiet ġudizzjarji li ma jistgħux jiġu attribwiti għal xi ħtija ta' l-appellat;

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-artikolu 1141 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), ċitat ma' l-appellant bħala l-bażi ta' l-appell odjern mhuwiex applikabbli għal każ preżenti billi meta saret is-sejħa *għall-ħlas, biċ-ċitazzjoni odjerna, id-debitu tal-konvenut* appellat ma kienx jidher li huwa wieħed ċert. Inoltre, rriżulta li l-istess debitu ma kienx wieħed likwidu. U billi ma ntweriex li tista' tiġi imputata xi ħtija lill-appellat għal dan l-istat ta' fatt, isegwi li l-appellat ma tpoġġiex debitament *in mora* bil-preżentata ta' l-imsemmija ċitazzjoni. Isegwi ukoll li, a bażi tar-*riżultanzi proċesswali, l-Ewwel Onorabbli Qorti eżerċitat* korrettement id-deskrizzjoni tagħha li applikat il-massima fuq ċitata u b'hekk ordnat li l-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza;

*Fl-aħħarnett il-Qorti* ma tistax takkolji d-domanda ta' l-*appellat* li l-imgħaxijiet relattivi għas-sorte likwidata mill-Ewwel Qorti jibdew jgħoddu mill-ġurnata meta tingħata s-sentenza ta' din il-Qorti, għaliex, apparti l-inġustizzja manifesta ta' din il-pretenzjoni, li tittraskura li l-likwidazzjoni definittiva tad-debitu saret bis-sentenza appellata, l-istess talba hija in *kontradizzjoni mal-kontenut l-ieħor tar-risposta* ta' l-appellat li saħqet li s-sentenza appellata:

"hija waħda ġusta u timmerita li tiġi konfermata";

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* u

tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu kollha a kariku ta' l-appellant Schembri.